# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Jannar, 2002**

**Numru 3**

**Citaz. Nru. 776/01GV**

**Charles Darmanin & Co. Ltd.**

**vs**

**Kevin Mifsud FIA CPA u Ian Schembri FIA CPAA bhala stralcjarji tas-socjeta' M.A. Supermarkets Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tletin elf disa' mija wiehed u sittin lira Maltin sitta u erbghin centezmu (Lm37,961.46c), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati lilha, skond l-annessi prospetti (Dokumenti "A" u "B"), it-tnejn datati t-2 ta' Mejju 2001, rilaxxati mis-socjeta' attrici fir-nigward tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll l-imghaxijjet kummercjali sal-hlas effettiv.

Premess illi nonostante illi s-socjeta' konvenuta kienet giet debitament interpellata sabiex taddivjeni ghall-pagament, hija baqghet ghal kollox inadempjenti.

Premess illi d-debitu fuq imsemmi huwa cent, likwidu u skadut u ghaldaqstant fil-fehma tas-socjeta' attrici huwa l-kaz illi din l-Qnorabbii Qorti tghaddi sabiex tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dana a tenur tal-Artikolu 167 tai-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Clvili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta] u s-socjeta' attnici qieghda tippresenta kontestwalment ma din ic-cittazzjoni Affidavit skond kif rikjest mill-imsemmi Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Dokument X).

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1) tghaddi sabiex tiddecidi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u dana a tenur tai-Arlikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta]; u

2) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tietin elf disa' mija wiehed u sittin lira Maltin sitta u erbghin centezmu (Lin37,961.46c), bilanc ta' somma akbar, prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati lilha, kif ukoll 1-imghaxijiet kummercjali sal-hlas effettiv.

B-ispejjes, kompnizi dawk tal-Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Sekwestru li qieghdin jigu ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni kontra s-socjeta' konvenuta

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**